DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 47/2009

tal-24 ta' April 2009

li temenda l-Anness XI (Servizzi tat-telekomunikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XI tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 31/2009 tas-17 ta' Marzu 2009 [1].

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/393/KE tas-8 ta' Mejju 2008 bi qbil mad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni adekwata ta' dejta personali li għaliha hemm provdut f'Jersey [2] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Fil-każi konġunti C-317/04 u C-318/04 il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja annullat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/535/KE [3], li hija nkorporata fil-Ftehim u li konsegwentement għandha titneħħa skont il-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-Anness XI tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 5ej (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/535/KE):

"5ek. **32008 D 0393**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/393/KE tat-8 ta' Mejju 2008 bi qbil mad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni adekwata ta' dejta personali f'Jersey (ĠU L 138, 28.5.2008, p. 21)."

(2) It-test ta' punt 5ej (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/535/KE) għandu jitħassar.

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni 2008/393/KE fil-lingwa tal-Islanda u fil-lingwa Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Supplimet taż-ŻEE ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-25 ta' April 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' April 2009.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Alan SEATTER

---

[1] ĠU L 130, 28.5.2009, p. 25.
[2] ĠU L 138, 28.5.2008, p. 21.
[3] ĠU L 267M, 12.10.2005, p. 18.
(*) L-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali ma huma indikati